Intervista mal-librara KATJA ZAHRA CAMILLERI u RACHEL DEBATTISTA

# IMEXXU L-KOLLEZZJONI PROGRAMMI TAL-FESTA

Kitba ta' **RAMONA PORTELLI**



Għall-intervista tal-lum, tkellimt ma' żewġ persuni li llum il-ġurnata jmexxu l-Kollezzjoni Programmi tal-Festa. Qed nirreferi għal Katja Zahra Camilleri u Rachel Debattista.

Katja għandha 36 sena, toqgħod il-Mosta u taħdem bħala Assistant Librarian fil-Librerija tal-Junior College, l-Università ta' Malta. Bħala passatempi għandha l-qari, ir-riċerka, il-ħjata, il-ganċ, il-pjanti u l-fotografija. Rachel, min-naħa l-oħra għandha 52 sena u hija minn Ħal Tarxien iżda toqgħod iż-Żejtun. Taħdem bħala Senior Assistant Librarian il-Librerija tal-Università ta' Malta. Tħobb il-kitba tal-poeżija li ssibha bħala mezz tal-espressjoni ta' qalbha u ħsibijietha. Tħobb it-tisjir, l-eżerċizzju fiżiku, it-tfassil ta' xi libsa, il-palk u l-mużika.

Min-naħa tagħha, Katja stqarret li bħala librara tieħu sodisfazzjon kbir meta jirnexxilha tgħin lil xi ħadd fir-riċerka tiegħu. "Inqis ir-riċerka bħala logħba fejn fiha rrid insib ir-risposta t-tajba. Ix-xogħol ta' librar jinvolvi ħafna minn dan, fejn wieħed irid jgħarbel l-ammont vast ta' informazzjoni li hawn madwarna sabiex iwassal lir-riċerkatur lejn sors tajjeb. Apparti minn hekk, permezz tal-Kollezzjoni Programmi tal-Festa ħloqna komunità fejn fiha ltqajna u sirna nafu ħafna nies li jaħdmu fil-qasam tal-festi u li magħna qasmu l-esperjenzi tagħhom, li huma sors importanti ta' informazzjoni.

Rachel tħossha persuna fortunata li taħdem f'din il-fergħa tal-librerija għax għandha l-possibilità li tagħti kontribut kbir fil-qasam socjo-kulturali ta' pajjiżna u għandha l-mezzi sabiex dan il-wirt tista' tiġbru u tqassmu mal-pubbliku.

**Kollezzjoni speċjali: Kollezzjoni Programmi tal-Festa**

Kollox ma' kollox, l-iskop ta' kollezzjoni bħal din mhix unika għaliex hawn diversi kollezzjonijiet simili fil-privat. Dak li jagħmilha unika hu l-fatt tal-aċċessibilità. L-aċċessibilità timmanifesta ruħha għaliex il-kotba huma organizzati f'post wieħed b'mod xjentifiku. Dan jgħin mhux biss lil-librara, iżda ukoll lir-riċerkaturi jsibu dak li għandhom bżonn iktar malajr. Apparti minn hekk, ħafna materjal minn dawn il-kotba qed jagħmluh aċċessibbli online fuq il-pjattaforma tar-repożitorju istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

Sirt naf ukoll li l-kotba qed jinżammu f'din il-kollezzjoni speċjali għaliex fihom ħafna materjal li jissejjaħ Melitensia. Il-programm tal-festa huwa utli għar-riċerkaturi tista' tgħid minn qoxra sa qoxra għaliex jolqot suġġetti varji fosthom l-istorja tal-baned u l-festi Maltin. Iżda wieħed isib ukoll informazzjoni ffukata fuq belt jew raħal – mhux biss fuq storja, imma wkoll arti, kultura, bijografiji, lingwa u letteratura, ritratti kif ukoll xi kurżitajiet. Hemm min hu interessat fir-riklami ta' ċertu perjodu jew inkella x'tip ta' Malti kien jintuża f'diċennju partikolari.

"Bdejna niġbru l-kotba billi nibagħtu ittri uffiċjali lil għaqdiet, soċjetajiet u parroċċi. Min-naħa tagħhom dawn laqgħu t-talba tagħna u bagħtulna dak li setgħu. Apparti minn hekk, għamilna appell fuq il-midja soċjali, kemm fuq il-grupp tagħna ta' Facebook Kollezzjoni Programmi tal-Festa, kif ukoll fuq gruppi oħra u rnexxielna niġbru numru sostanzjali ta' kotba permezz ta' donazzjonijiet mill-pubbliku. Issa, il-kotba li joħorġu ġodda ħafna soċjetajiet saru jwarrbulna kopja mill-ewwel," żvelaw miegħi Katja u Rachel.

**Aktar minn 7,000 pubblikazzjoni tal-programmi tal-festa**

Ta' min jgħid li fil-preżent il-kollezzjoni tal-Librerija tal-Junior College tikkonsisti minn madwar 7,000 pubblikazzjoni tal-programmi tal-festa, bl-aktar pubblikazzjonijiet antiki jmorru lura għas-sena 1952. Dan il-proġett ma jieqaf qatt u jinvolvi ħafna xogħol. Għad baqa' ħafna materjal li għad irid jiġi inkluż. B'hekk ridt inkun naf b'liema mod qed jaħdmu għal dan kollu.

"Dan huwa proġett fittul u ta' min jgħid li fis-sena 2022 irnexxielna niġbru mal-100 pubblikazzjoni li ħarġet għall-festi ta' dik is-sena biss. Ħafna mis-snin iktar riċenti tista' tgħid li issa ġbarniehom u qegħdin nitfgħu ħarsitna fuq pubblikazzjonijiet iktar antiki – ngħidu aħna tas-sittinijiet/sebgħinijiet jew qabel. Tajjeb li ngħidu li ġieli jiġu xi dilettanti u juruna xi pubblikazzjoni antika mill-kollezzjoni privata tagħhom. Ħafna drabi d-dilettanti ġentilment jagħtuna permess sabiex niskennjawha u b'hekk ikollna kopja diġitali tagħha.

B'hekk għalkemm mhux fiżikament fil-kollezzjoni r-riċerkatur xorta jkollu aċċess għal dan il-materjal. Apparti li niġbru l-kotba, hemm ukoll it-tieni parti tal-proġett li ntellgħu l-artikli online. Dan jirrikjedi li l-ewwel niskennjaw imbagħad isir il-katalogar ta' kull artiklu b'mod individwali. Din il-parti tieħu ftit ħin għaliex il-librar irid jagħmel ftit riċerka biex ikun ċert li qed jippreżenta l-informazzjoni b'mod korrett.

Apparti mill-pjattaforma ta' OAR@UM u l-katalgu tal-librerija, wieħed jista' jsib dawn l-artikli permezz ta' tfittxija fuq Google. Dan għaliex kull erba' ġimgħat, Google jaħsad il-materjal ġdid li nkunu żidna aħna l-librara."

Fl-aħħar nett, ħadt ħsieb niġbor il-messaġġi tagħhom it-tnejn lejn il-qarrejja ta' din il-gazzetta. Il-messaġġ li kellha Katja jgħid hekk: "Inħeġġeġ lill-qarrejja sa-



“

**Bdejna niġbru l-kotba billi nibagħtu ittri uffiċjali lil għaqdiet, soċjetajiet u parroċċi. Min-naħa tagħhom dawn laqgħu t-talba tagħna u bagħtulna dak li setgħu**

biex jiġu jżuruna u jagħmlu użu mill-kollezzjoni tagħna għar-riċerka tagħhom. Li naraw il-kollezzjoni tintuża huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina għaliex l-għan tagħna jkun irnexxa!

Apparti minn hekk jistgħu wkoll jissieħbu fil-grupp ta' Facebook tagħna fejn fuqu nitfgħu materjal mill-kollezzjoni kif ukoll naqsmu xi avvenimenti minn gruppi oħrajn. Messaġġ żgħir ieħor hu li aħna preżentament għandna ħafna kotba doppji li qed inqassmu lid-dilettanti b'xejn. Min jrid jista' jagħmel kuntatt magħna jew minn fuq Facebook jew inkella b'email fuq juniorcollege.lib@um.edu.mt."

Min-naħa tagħha, Rachel ħalliet dan il-messaġġ lill-qarrejja ta' din il-gazzetta. "Lill-qarrejja l-messaġġ li ngħidilhom huwa ċar, **li l-ktieb tal-festa mhux kwalunkwe ktieb, imma fih** issib tagħrif dettaljat fuq il-lokalità partikolari. Qisek ftaħt tieqa u ħarist minn fuq u rajt l-aspett tal-ħajja tal-lokalità tiegħek, tgħallimt xi ħaġa żgur, sew jekk fuq il-knisja tal-post, jew x'kien ġara f'dak il-jum partikolari u ssir taf fuq personaġġi li kienu jew għadhom jgħixu f'dik il-lokalità.

Il-ktieb tal-festa jinkiteb fih materjal li jaf ma ssibux f'kotba oħrajn. Jinkiteb minn nies li jafu l-post sew u għamlu riċerka estensiva. Titgħallem ħafna minnhom u anke forsi taqta' xi kurżità li jista' jkollok!

Qisu għandek enċiklopedija żgħira, artikli mhux twal u dettaljati. Ngħid lill-qarrejja sabiex qabel iwarrbu l-ktieb tal-festa, jiftħuh, iduru l-paġni u mqar jaraw l-artikli fuq xiex jitkellmu, u żgur isibu xi ħaġa li tolqothom. Ħaġa oħra, jekk lest minn ktieb, ftakar li l-Librerija tal-Junior **College tiġbru u minnu qed jagħmlu użu ħafna riċer**katuri u dilettanti tal-festi Maltin."